# L-Unjoni Ewropea bħala Sieħeb Ewlieni fil-Komunità Internazzjonali

Artiklu 3 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea jgħid: “L-Unjoni għandha tassigura l-konsistenza ta’ l-attivitajiet esterni tagħha kollha fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni, is-sigurtà, u l-politika għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħha.”

Sa mill-bidu l-Komunità kienet ħasset il-ħtieġa li tiddefinixxi u tmexxi r-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja bħala parti essenzjali tal-proċess intern tagħha stess li kien qiegħed jevolvi.

L-Unjoni Ewropea kienet ċentrali għall-istorja ekonomika u politika ta’ l-Ewropa fit-tieni nofs tas-seklu li għadda. Hija l-bażi li fuqha l-Ewropa tkompli tiżviluppa bħala kontinent. Hija l-akbar grupp ta’ kummerċ fid-dinja. Bl-Istati Membri tagħha tirrappreżenta madwar 55% ta’ l-għajnuna internazzjonali kollha li tingħata għall-iżvilupp fid-dinja, u 66% tat-total ta’ għajnuna f’għotjiet. Għandha parti kruċjali f’li tipproġetta stabbilità madwar il-periferija tagħha,





partikularment permezz tal-proċess ta' aktar tkabbir lejn pajjiżi mill-Ewropa Ċentrali u l-Mediterran. Wara ħafna żmien fl-aħħar fasslet politika barranija Ewropea marbuta ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE li jmexxu l-għodda meħtieġa biex iwettquha.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha sehem ewlieni fit-twettiq tal-politika barranija ta' l-UE u politika oħra u f'dan tistrieħ ħafna fuq id-Delegazzjonijiet u uffiċċji tagħha madwar id-dinja, li għalkemm fil-ġerarkija huma parti mill-istruttura tal-Kummissjoni, fil-prattika jservu l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea bħala entità sħiħa f'123 pajjiż madwar id-dinja, u f'ħames ċentri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (OECD, OSCE, NU, WTO).

Id-Delegazzjonijiet jeżerċitaw poteri mogħtija mit-Trattat dwar il-Komunità Ewropea, f'pajjiżi terzi, billi jippromwovu l-interessi tal-Komunità kif imniżżla fil-politika komuni, prinċipalment il-politika kummerċjali komuni, imma wkoll f'oqsma oħra, fosthom il-biedja, is-sajd, l-ambjent, it-trasport u s-saħħa u s-sigurtà. Dan ifisser ukoll involviment f'oqsma bħall-ġustizzja u intern, li fihom il-Komunità Ewropea m'għandhiex poteri esklussivi.



***Il-politika ta' l-UE fil-qasam tas-sigurtà "ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika għas-sigurtà u d-difiża ta' ċerti Stati Membri". Dan jissalvagwardja l-interessi ta' dawk il-Membri li jsegwu politika ta' newtralità.***

Ma' dan, id-Delegazzjonijiet għandhom sehem ewlieni fit-twettiq ta' assistenza esterna. Id-Delegazzjonijiet qed ikollhom sehem dejjem akbar fil-mod kif titmexxa l-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, billi jipprovdu analiżi politika regolarment, jagħmlu evalwazzjonijiet bi sħab ma' Ambaxxati ta' l-Istati Membri u jikkontribwixxu għall-proċess fit-tfassil tal-politika.

Id-delegazzjonijiet jipprovdu wkoll appoġġ u assistenza kif meħtieġ lill-istituzzjonijiet u l-atturi l-oħra ta' l-UE, fosthom ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, il-Parlament Ewropew u l-Presidenza ta' l-UE.

Il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà ta' l-Unjoni tħaddan fiha bosta aspetti tar-relazzjonijiet ta' l-Unjoni mal-bqija tad-dinja. Hemm, iżda, dimensjonijiet oħra għar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni li jeħtieġ li jitqiesu



separatament. Huma marbuta partikularment mal-Politika ta' l-Unjoni dwar Għajnuna għall-Iżvilupp, il-politika kummerċjali komuni, u l-aspetti esterni tal-ġustizzja u intern.

## Il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà

Wara l-iffirmar tat-Trattat ta' Ruma, il-kostruzzjoni Ewropea ffukat fuq aspetti ekonomiċi, jiġifieri l-ħolqien ta' suq komuni, għalkemm ideat għal koperazzjoni fil-qasam ta' politika internazzjonali kienu diġà qed jidhru. Għal kważi 40 sena ta' kostruzzjoni Ewropea l-espressjoni nnifisha "politika komuni għall-affarijiet barranin" ma ddaħħlitx fit-Trattati. L-azzjonijiet l-aktar speċifiċi marbuta ma' relazzjonijiet esterni kienu inizjattivi primarjament konċernati ma' kummerċ bilaterali jew multilaterali, jew ma' aspetti ta' koperazzjoni għal żvilupp.

Minn Ottubru ta' l-1970 l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea kkoperaw u ħadmu biex jikkonsultaw lil xulxin dwar problemi kbar ta' politika internazzjonali. Iżda, dan sar f'livell inter-governattiv fil-kuntest ta' "Koperazzjoni Politika Ewropea".

Fl-1986, l-Att Waħdieni Ewropew iffomalizza din il-koperazzjoni politika inter-governattiva mingħajr ma biddel in-natura tagħha jew il-metodi ta' kif taħdem.

Il-bidla seħħet f'Maastricht fl-1992 fejn, għall-ewwel darba, l-Istati Membri daħħlu fit-Trattat il-mira għal "politika komuni għall-affarijiet barranin". Minn dakinhar, l-Unjoni Ewropea



bħala tali bdiet tista' ssemma leħinha fix-xena internazzjonali, tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar konflitti, dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar kull suġġett ieħor marbut mal-prinċipji fundamentali u valuri komuni li jiffurmaw il-bażi ta' l-Unjoni Ewropea u li hija marbuta li tiddefendi.

Il-provvedimenti dwar il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà kienu riveduti bit-Trattat ta' Amsterdam fl-1997 u t-Trattat ta' Nizza fis-sena 2000. Artikli 11 sa 28 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huma

***Hija Malta li tiddeċiedi tieħux sehem f'missjoniiet għaż-żamma tal-paċi u missjonijiet umanitarji. Il-parteċipazzjoni hija volontarja anki f'livell ta' suldati individwali.***

ddedikati speċifikament għall-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà.

L-iżvilupp tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà għandha provvedimenti għal sensiela ta' miżuri magħrufa bħala l-Politika għas-Sigurtà u d-Difiża Ewropea, fosthom it-tfassil maż-żmien ta' politika komuni għad-difiża, jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi hekk b'mod unanimu.

Il-Politika għas-Sigurtà u d-Difiża Ewropea hija mmirata biex tissaħħaħ il-ħila ta' l-UE li tintervjeni biex tikkontrolla kriżijiet jew biex tevita konflitti primarjament permezz ta' xogħol umanitarju u fil-kontroll ta' kriżi, magħrufa bħala l-Impenji ta' Petersberg. Dawn il-missjonijiet iħaddnu fihom missjonijiet umanitarji u ta' salvataġġ u missjonijiet ta' forzi militari fil-kontroll ta'

kriżi, fosthom li jwasslu għall-paċi (*peacemaking*).

F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li l-Unjoni għandha jkollha l-ħila għal azzjoni awtonoma, appoġġjata b'forzi militari kredibbli, b'mezzi biex tiddeċiedi li tużahom kif ukoll li tkun imħejjija li tagħmel hekk. Kunsilli Ewropej suċċessivi gradwalment taw sustanza lil din ix-xewqa li jagħtu lill-Unjoni l-ħila għal azzjoni awtonoma f'kontroll ta' kriżi internazzjonali.

Provvediment importanti fit-Trattat ta' Maastricht, li kien rijaffermat fit-Trattat ta' Amsterdam u dak ta' Nizza, jiddikjara li l-politika ta' l-UE fil-qasam tas-sigurtà "ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika għas-sigurtà u d-difiża ta' ċerti Stati Membri". Dan il-provvediment jissalvagwardja l-interessi ta' dawk l-Istati Membri li jsegwu politika ta' newtralità.

Artiklu 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandu klawsola li tagħti "għażla li tibqa' barra" li permezz tagħha kull Stat Membru "ma jkunx obbligat" li japplika xi deċiżjoni partikulari dwar il-politika komuni għall-affarijiet barranin u s-sigurtà jekk jiddikjara hekk. Dak l-Istat Membru iżda jkun mistenni "fi spirtu ta' solidarjetà" li "joqgħod lura minn xi azzjoni li tista' tkun f'konflitt ma' jew timpedixxi azzjoni ta' l-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni".

L-Unjoni fasslet ukoll arranġamenti għall-possibilità ta' parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi (Stati Membri Ewropej tan-Nato li mhumiex parti mill-Unjoni u pajjiżi kandidati oħra għal sħubija fl-Unjoni) u msieħba oħra possibbli fil-kontroll militari ta' kriżi mill-UE.

L-Unjoni ddeċidiet ukoll li tiżviluppa l-aspetti ċivili fit-tmexxija ta' kriżi f'erba' oqsma ta' prijorità: pulizija, tisħiħ fil-ħarsien tal-liġi, tisħiħ ta' l-amministrazzjoni ċivili u protezzjoni ċivili.

Il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà tikkostitwixxi t-tieni "pilastru" ta' l-Unjoni u, bħat-tielet pilastru, huwa ta' natura inter-governattiva u mhuwiex implimentat bl-istess mod bħall-ewwel pilastru tal-politika Komunitarja (per eżempju l-politika agrarja, ambjentali, tat-trasport u dik ta' riċerka, fost oħrajn). Fid-dawl tan-natura sensittiva tal-kwistjonijiet li jaffettwaw r-relazzjonijiet internazzjonali, it-Trattat naturalment jorbot importanza kbira ma' l-Istati Membri u l-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea li fihom jipparteċipaw direttament, il-Kunsill u l-korpi kompetenti tiegħu (kumitati, gruppi ta' xogħol).

Xorta waħda l-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà hija parti minn qafas wieħed istituzzjonali: l-istituzzjonijiet huma dawk li jeżistu fil-qafas tal-Komunità. Iżda, il-bilanċ tal-poteri bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni huwa differenti. Minn dan il-lat, it-twettiq tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà hija differenti ħafna mit-twettiq tal-politika tal-Komunità. Per eżempju, il-Kummissjoni hija assoċjata bis-sħiħ mal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà imma m'għandhiex id-dritt esklussiv li tipproponi inizjattivi. Dawn prinċipalment jiġu mill-Presidenza, Stat Membru jew ir-Rappreżentant Għoli. Il-Parlament Ewropew huwa konsultat mill-Presidenza dwar għażliet fundamentali tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà u huwa mgħarraf dwar kif tkun qed tiżviluppa, imma m'għandu ebda parti diretta

fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

It-Trattat ta' Amsterdam ħoloq il-kariga ta' Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà. F'din il-kariga hemm l-istess persuna li tokkupa l-kariga ta' Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill. Ir-Rappreżentant Għoli jassisti lill-Kunsill billi jikkontribwixxi b'mod partikulari għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet politiċi u, fejn ikun meħtieġ, billi jaġixxi f'isem il-Kunsill wara talba mill-Presidenza u jmexxi djalogu politiku ma' terzi persuni.

It-Trattat ta' l-UE jagħti lill-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà diversi għodda: pożizzjonijiet komuni, azzjonijiet bi sħab, u l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali. Ma' dan, strateġiji komuni jinvolvu u jiffaċilitaw l-użu tal-għodda tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà. Dikjarazzjonijiet u kuntatti ma' pajjiżi terzi jkomplu jkunu għodda diplomatika importanti għall-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà. Il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà għalhekk tuża ċerti għodda speċifiċi: m'għandhiex għodda legali bħalma huma d-"Direttivi" jew "Regolamenti" wżati għall-politika tal-Komunità.

***Dikjarazzjoni dwar in-newtralità se tinhemeż mat-Trattat biex tikkonferma li n-newtralità ta' Malta mhux se tkun affettwata bis-sħubija.***

Strateġiji komuni huma deċiżi mill-Kunsill Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill ta' l-UE, f'oqsma fejn l-Istati Membri jkollhom interessi importanti.

Il-Kunsill ta' l-UE jista' jadotta pożizzjonijiet komuni li jiddefinixxu t-triq ta' l-Unjoni għal kwistjoni ġografika jew tematika partikulari, rigward pajjiż terz jew għal xi konferenza internazzjonali, per eżempju. L-Istati Membri mbagħad jassiguraw li l-politika





nazzjonali tagħhom tkun konformi mal-pożizzjoni komuni.

Il-Kunsill ta' l-UE jadotta wkoll azzjonijiet bi sħab f'ċerti sitwazzjonijiet li jeħtieġu azzjoni ta' ħidma li tikkommetti lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Kull azzjoni tispeċifika l-miri tagħha, l-iskop, il-mezz disponibbli għall-Unjoni, il-kundizzjonijiet għat-twettiq tagħha u (skond il-ħtieġa) it-tul ta' żmien tagħha.

Fejn ftehim jeħtieġ li jkun konkluż ma' xi pajjiż jew aktar jew ma' xi organizzazzjonijiet internazzjonali fl-isfera tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, il-Kunsill jista' jawtorizza lill-Presidenza biex tibda negozjati. Matul negozjati bħal dawn, il-Presidenza tkun assistita mis-Segretarjat Ġenerali u, fejn meħtieġ, mill-Kummissjoni. Il-ftehim imbagħad ikun konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu, wara rakkomandazzjoni mill-Presidenza.

Dikjarazzjonijiet jagħtu espressjoni pubblika lil xi pożizzjoni, talba jew aspettattiva ta' l-Unjoni Ewropea rigward pajjiż terz jew kwistjoni internazzjonali. Din l-għodda flessibbli



tagħmilha possibbli għal reazzjoni malajr ħafna għal inċidenti għall-għarrieda f'xi parti partikulari tad-dinja u biex tkun iddikjarata l-veduta ta' l-Unjoni. Dawn huma intitolati "Dikjarazzjoni mill-Unjoni Ewropea" fejn il-Kunsill jiltaqa' u jadotta pożizzjoni dwar kwistjoni internazzjonali, u "Dikjarazzjoni tal-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea" fejn il-Kunsill ma jiltaqax.

Deċiżjonijiet rigward il-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà jittieħdu b'mod unanimu, għalkemm kull membru jista' jastjeni biex iħalli li tittieħed deċiżjoni. F'każ bħal dan huwa ma jkunx obbligat li japplika d-deċiżjoni jew li jieħu sehem fil-finanzjament ta' xi operazzjoni marbuta ma' dik id-deċiżjoni, bil-kundizzjonijiet li ssemmew diġà aktar 'il fuq.

Kuntatti ma' pajjiżi terzi jsiru prinċipalment permezz ta' laqgħat ta' "djalogu politiku" u "*démarches*". L-Unjoni Ewropea tagħmel djalogu politiku ma' għadd kbir ħafna ta' pajjiżi jew gruppi ta' pajjiżi dwar kwistjonijiet ta' politika internazzjonali.

Isiru aktar minn 200 laqgħa bħal dawn kull sena, fil-livelli kollha: Kapijiet ta' Gvern, Ministri, diretturi politiċi, uffiċjali anzjani u esperti. L-Unjoni Ewropea tista' tkun rappreżentata fihom mill-Presidenza (mgħejjuna mir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni għall-



Affarijiet Barranin u s-Sigurtà), jew mir-Rappreżentant Għoli waħdu wara talba mill-Presidenza, jew mit-Trojka (Presidenza assistita mir-Rappreżentant Għoli tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà u l-Kummissjoni u, fejn ikun jixraq, il-Presidenza li jmiss), jew (f'għadd limitat ta' każi) mid-delegati ta' l-Istati Membri u r-rappreżentant tal-Kummissjoni.

*Démarches*, li huma kunfidenzjali, isiru f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront ta' pajjiżi terzi mill-Presidenza jew it-Trojka. Ġeneralment, l-iskop tagħhom ikun li jaslu għal ftehim mal-pajjiż konċernat dwar kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija jew azzjoni umanitarja.

Fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, l-Unjoni żviluppat programmi separati ta' koperazzjoni u sħubija prattikament fir-reġjuni kollha tad-dinja. Waħda minn dawn is-sħubiji tikkonċerna n-nofsinhar u l-lvant tal-Mediterran u l-Lvant Nofsani li hija żona ta' importanza strateġika vitali għall-Unjoni Ewropea, u li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea identifikaw bħala prioritajiet ewlenin tal-politika barranija ta' l-UE.

Il-politika ta' l-UE li tkun viċina ferm tal-Mediterran hija parti mis-Sħubija Ewro-Mediterranja (*Euro-Mediterranean Partnership*) li tnediet fil-Konferenza ta' Barċellona ta' l-1995 bejn l-Unjoni Ewropea u t-12-il imsieħba Mediterranji tagħha (għalhekk jissejjaħ il-Proċess ta' Barċellona li jservi ta' kappa għar-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali ta' l-UE).



Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani huwa separat iżda kumplimentari għall-Proċess ta' Barċellona.

### Għajnuna għall-Iżvilupp

Fit-Trattat ta' Ruma, l-għajnuna għall-iżvilupp kienet limitata għal "pajjiżi u territorji mhux Ewropej li kellhom relazzjoni speċjali ma' xi wieħed mill-Istati Membri".

Oriġinarjament, it-territorji barranin li huma parti minn dan il-provvediment kienu l-artijiet barranin taħt il-kontroll Olandiż jew Franċiż, imma hekk kif il-proċess tal-għoti ta' l-indipendenza nbeda fis-snin 60 deher ċar li kienet meħtieġa xi ħaġa aktar ambizzjuża. Dan wassal għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Yaoundé fl-1963 u dik ta' Arusha fl-1969 ma' 21 stat indipendenti ġdid Afrikan, u wara l-Konvenzjoni ta' Lome (li kienet iffirmata għall-ewwel darba fl-1975) li tkopri arranġamenti kummerċjali u ta' għajnuna ma' 71 Pajjiż mill- Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku.

Fl-aħħar tas-snin sittin l-Unjoni bdiet ukoll il-prattika li tagħmel Ftehim Bilaterali, l-ewwel ma' pajjiżi ġirien fil-Mediterran u wara ma' pajjiżi madwar id-dinja li qed jiżviluppaw.

It-Trattat ta' Maastricht ta' l-1992 żied taqsima dwar koperazzjoni għal żvilupp li titlob li Azzjoni tal-Komunità tikkontribwixxi "għall-mira ġenerali biex ikunu żviluppati u msaħħa d-demokrazija u r-rispett lejn il-liġi u biex ikun hemm rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali".

Il-politika ta' żvilupp issa saret parti ewlenija ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE, flimkien mal-politika

kummerċjali u mad-dimensjoni politika. Ma' dawn il-miri speċifiċi għal politika ta' żvilupp, fatturi oħra - bħall-ġeopolitika, il-kummerċ, u problemi ambjentali globali - jaffettwaw l-għażliet esterni ta' l-UE. Dan jispjega d-diversità tas-sħubija tagħha inter-reġjonali u l-ftehim ta' koperazzjoni konklużi ma' pajjiżi f'reġjuni differenti tad-dinja (EwroMed, Ewropa tal-Lvant, ASEAN, Mercosur u l-bqija). F'dan il-kuntest, l-interessi oġġettivi ta' l-UE wassluha biex tagħti prijorità lill-istabbilità u l-iżvilupp ta' pajjiżi ġirien u biex tgħin lil pajjiżi fi kriżi fir-reġjuni li huma l-eqreb lejn l-UE.

Fl-istess ħin, l-Ewropa ma ttraskuratx l-isfidi għal politika ta' żvilupp li qed iqumu f'livell globali. L-emarġinazzjoni ta' bosta ekonomiji, iż-żieda fil-faqar fid-dinja, il-ħtieġa għal kontroll aħjar ta' interdipendenzi ambjentali u l-isfida li toħroġ għall-ambjent ta' l-Ewropa stess, l-effetti ta' instabbilità ta' l-immigrazzjoni, il-konsegwenzi ta' konflitti bl-armi u t-tixrid ta' epidemji huma ta' tħassib kbir għal kulħadd.

L-Unjoni Ewropea hija minn ta' quddiem fil-koperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna għal żvilupp. B'kollox, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri jipprovdu madwar 55% tat-total ta' Assistenza Uffiċjali ta' l-Izvilupp internazzjonali u aktar minn żewġ terzi ta' għajnuna f'għotjiet. Il-Komunità Ewropea għandha r-responsabbilità politika u finanzjarja għal aktar minn 10% tat-total ta' Assistenza Uffiċjali ta' l-Iżvilupp madwar id-dinja - żieda mill-5% fl-1985. Hija wkoll l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja fid-dinja.

Hekk kif evolvew ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE, id-distribuzzjoni reġjonali ta' għajnuna mill-Komunità tbiddlet ukoll, u saret fil-biċċa l-kbira tagħha tirrifletti l-fatturi politiċi li fuqhom hija msejsa l-politika Ewropea u l-kapaċità tagħha li tadatta għal sitwazzjonijiet ġodda. Dawn il-ftehim ġodda ta' koperazzjoni reġjonali saru billi żdied it-total tar-riżorsi finanzjarji allokat mill-Komunità għal għajnuna esterna, u mhux billi kienu aġġustati l-fondi eżistenti. L-għajnuna esterna totali (fi flus ivvutati) telgħet minn Lm1.4 biljun (€3.3 biljun) fl-1990 għal Lm3.4 biljun (€8.6 biljun) fl-1999, Lm2.8 biljun (€6.8 biljun) li minnhom jikkorrispondu għal "assistenza ta' żvilupp" skond definizzjoni li dwarha jkun sar qbil komuni.

Il-politika ta' l-Unjoni għal żvilupp għandha ċerti karatteristiċi speċjali li jifirduha mill-politika ta' donaturi oħra kbar. L-ewwelnett, l-għajnuna titqassam b'mod aktar ugwali tul firxa ta' pajjiżi riċevituri. Dan juri l-fatt li l-għajnuna mill-Unjoni hija mqassma b'inqas attenzjoni lejn fatturi strateġiċi jew kummerċjali. Iżda, illum qed issir dejjem iktar enfasi fuq l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u "gvern tajjeb" f'pajjiżi riċevituri. Fattur ieħor ta' distinzjoni huwa l-fatt li l-Unjoni tagħti aktar għajnuna minn kull donatur ieħor lil proġetti agrarji u ta' żvilupp rurali, li jirrappreżentaw madwar 50% tan-nefqa totali.

L-Unjoni u l-membri tagħha huma wkoll l-aktar imsieħba kummerċjali importanti ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi jieħdu aktar minn 20% ta' l-esportazzjoni mit-tielet dinja. Taħt is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ta' l-Unjoni (GSP) bosta prodotti mit-tielet dinja jgawdu minn aċċess privileġġjat u madwar 15% tal-

Fond Ewropew għall-Iżvilupp huma allokati għal skemi li joffru garanzija lil pajjiżi fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku kontra t-telf fi qligħ ta' munita barranija minn tibdil fil-prezzijiet fis-suq dinji.

Il-politika ta' żvilupp tal-Komunità hija parti minn strateġija internazzjonali fejn qed tiżviluppa wkoll bil-mod il-mod opinjoni aktar globali. L-istrateġija adottatat mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp ta' l-OECD, li tieħu sehem fih il-Komunità, għandha parti ewlenija fl-isforzi ta' kordinament internazzjonali.

Inizjattivi oħra jimxu fl-istess direzzjoni - bħalma huwa l-Qafas ta' Żvilupp Sħiħ tal-Bank Dinji, jew il-Karti ta' Stateġija għal Tnaqqis fil-Faqar tal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji. Il-prinċipji ta' gwida wara dawn l-inizjattivi huma li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jieħdu responsabbiltà tal-proċess ta' l-iżvilupp tagħhom stess u li tiżdied l-attenzjoni fuq id-dimensjoni soċjali tat-tkabbir u l-iżvilupp.

Il-politika tal-Komunità għall-iżvilupp hija diġà fil-biċċa l-kbira konsistenti bis-sħiħ ma' dawn il-linji strateġiċi, b'mod partikulari fl-aħħar ftehim riċenti ma' l-istati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku. Iżda jeħtieġ li jitqiesu xi aġġustamenti, b'mod partikulari bil-ħsieb li tkun iffaċilitata l-kumplimentarjetà mal-politika bilaterali ta' l-Istati Membri. Huwa biss proporzjon żgħir mill-*budget* totali ta' għajnuna ta' l-Istati Membri li tintefaq permezz ta' l-Unjoni. Iċ-ċifra globali hija ta' madwar 17% imma din ma turix id-differenzi wiesgħa li jvarjaw minn taħt is-7% għad-Danimarka għal madwar 87% għall-Ġreċja.

### Il-Politika Kummerċjali Komuni

It-Trattat ta' Ruma poġġa l-politika kummerċjali komuni bħala waħda mill-attivitajiet prinċipali tal-Komunità. Marbuta kif kienu f'unjoni doganali, kien importanti għall-Istati Membri li jfasslu




Persons

politika komuni għar-rigward ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-bqija tad-dinja. It-Trattat tal-Komunità Ewropea jisħaq dwar il-ħtieġa li jarmonizzaw is-sistemi tagħhom ta' għajnuna għall-esportazzjoni u biex jaqblu dwar prinċipji uniformi għar-rati ta' tariffi. Hemm ukoll provvedimenti komuni rigward il-konklużjoni ta' ftehim kummerċjali, miżuri ta' liberaliżżazzjoni u l-użu ta' strumenti għal difiża kummerċjali kontra l-bejgħ bir-rimi u s-sussidji.



Ir-rwol tal-Kummissjoni bħala negozjatur f'isem l-Istati Membri hija mniżżla f'Artiklu 133 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea. Dan l-Artiklu jagħti wkoll is-setgħa lill-Kunsill biex jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'dan il-qasam. Is-setgħat tal-Parlament f'dan il-qasam jaqgħu taħt il-proċedura ta' kunsens (*assent procedure*).

L-UE diġà hija l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja. Jekk jitqies ukoll il-kummerċ bejn l-Istati Membri, l-Unjoni għandha aktar 37% mis-sehem tal-kummerċ fid-dinja, tant li tgħaddi sew kemm liż-Żona ta' Kummerċ Ħieles fl-Amerika ta' Fuq (*North American Free Trade Area*, NAFTA) kif ukoll lill-Ġappun. L-Unjoni għandha wkoll bilanċ kummerċjali favorevoli mal-bqija tad-dinja. L-Istati Membri għandhom investiment sostanzjali f'bosta pajjiżi. L-Unjoni nnifisha għandha kummerċ jew ftehim ta' koperazzjoni ma' xi 120 pajjiż madwar id-dinja.

Storikament, l-Unjoni kienet favur kummerċ ħieles, billi fittxet biex ikun hemm tneħħija progressiva ta' xkiel fuq il-kummerċ internazzjonali u li jitnaqqsu d-dazji.

Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Istati Membri f'taħdidiet kummerċjali fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u entitajiet oħra bħalma hija l-Organizzazzjoni għal Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD).

Meta jitqies l-effett tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP), l-Unjoni għandha wieħed mill-inqas livelli ta' tariffi industrijali fid-dinja. Din il-medja baxxa, iżda, ma tinkludiex it-tariffi għolja f'setturi sensittivi bħalma huma t-tessuti u prodotti elettroniċi għall-konsumatur, u ma tapplikax għall-biedja.

It-tqassim settorjali tal-kummerċ viżibbli ta' l-Unjoni ftit imbidel f'dawn l-aħħar snin. Il-produzzjoni żejda fil-kimika, il-makkinarju u t-tagħmir għat-trasport ikkumpensat għal deficit fil-materja prima u l-enerġija. Setturi oħra jinsabu b'mod



ġenerali f'bilanċ. Ġografikament, il-bidla li spikkat kienet iż-żieda soda mill-1980 fil-proporzjon ta' kummerċ totali meħuda mill-pajjiżi industrijalizzati għas-spejjeż ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw (għalkemm dawn ta' l-aħħar xorta jirrappreżentaw madwar terz tat-total).

L-Istati Uniti hija bil-wisq l-aktar imsieħeb fil-kummerċ importanti, segwita mill-Ġappun (għall-importazzjoni) u l-Isvizzera (għall-esportazzjoni). L-istati tax-xlokk ta' l-Asja huma fost is-swieq li qed jikbru b'ħeffa. Iżda, parti bħala konsegwenza tal-programm ta' Suq Wieħed, u parti minħabba t-tkabbir, il-kumerċ bejn l-Istati Membri qed jikber ħafna iktar malajr mill-kummerċ bejn l-Unjoni u l-bqija tad-dinja.

Minkejja differenzi nazzjonali u politiċi sostanzjali bejn l-Istati Membri fil-politika kummerċjali, l-Unjoni, fil-biċċa l-kbira, kisbet grad għoli ta' koerenza u konsistenza f'materji kummerċjali. F'dan ir-rigward l-Unjoni rnexxielha ġġib fix-xejn biżgħat li tqanqlu li s-Suq Wieħed seta' jwassal għal Ewropa-fortizza. In-negozjati attwali tal-WTO f'Doha għandhom isaħħu dawn ix-xejriet.

## Aspetti Esterni tal-Ġustizzja u Intern

Dawn l-aspetti primarjament jikkonċernaw kwistjonijiet marbuta mat-tisħiħ ta' fruntieri esterni, immigrazzjoni u d-dritt għal kenn. Marbuta wkoll hemm aspetti dwar il-ġlieda kontra l-kriminialità fil-livell



internazzjonali, li iżda huma marbuta mill-qrib ma' l-azzjonijiet relevanti li qed isiru internament fil-qafas ta' koperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-intern.

Bit-tneħħija tal-fruntieri interni tagħhom l-Istati Membri kienu mċaħħda minn għodda nazzjonali biex jikkontrollaw u jiffilterjaw id-dħul u l-identità ta' persuni u jassiguraw sigurtà interna fit-territorji tagħhom. Biex ikun assigurat l-istess livell ta' sigurtà mingħajr dik l-għodda, kontrolli fil-fruntieri esterni, jiġifieri bejn Stat Membru ta' l-Unjoni u stati terzi, kienu jeħtieġu li jkunu msaħħa. Għalhekk saret bidla fil-kontrolli mill-fruntieri interni għall-fruntieri esterni ta' l-Unjoni.

L-UE tpoġġi żewġ elementi essenzjali biex ikun hemm kontroll strett tal-fruntieri ma' barra: il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni jkunu ċċekkjati b'mod sistematiku u tkun assigurata sorveljanza effettiva tal-fruntiera bejn il-postijiet awtorizzati minn fejn in-nies jaqsmu l-fruntiera.

L-għodda prinċipali għal dan il-għan hija s-"Sistema Schengen". Schengen huwa raħal fil-Lussemburgu fejn fl-14 ta' Ġunju, 1985 it-tliet pajjiżi tal-Benelux flimkien ma' Franza u l-Ġermanja ffirmaw ftehim dwar "it-tneħħija ftit ftit ta' kontrolli fil-fruntieri ta' bejniethom".

It-33 artiklu ta' dan il-ftehim jitrattaw miżuri fuq medda qasira ta' żmien bħat-tneħħija ta' l-iċċekkjar sistematiku, li jitnaqqsu l-formalitajiet, l-armoninazzazzjoni ta' regolamenti dwar l-użu ta' visa, koperazzjoni eqreb bejn

pulizija fil-fruntiera, it-tisħiħ ta' fruntieri esterni u l-konċessjonijiet tad-*duty free*.

Il-ftehim ta' l-1985 kien segwit minn Konvenzjoni ffirmata mill-ħames pajjiżi oriġinali, għal darb'oħra f'Schengen, fid-19 ta' Ġunju, 1990. Il-Konvenzjoni, magħmula minn 142 artiklu, telenka fid-dettall eżattament kif il-ftehim għandu jkun applikat, kif kwistjonijiet għandhom jissolvew u fiha sensiela ta' provvedimenti dwar kwistjonijiet kumplessi u sensittivi, bħalma hija l-estradizzjoni, it-trasmissjoni ta' tagħrif personali, il-kontroll tad-droga u l-armi tan-nar kif ukoll il-kenn.

Is-sistema Schengen għalhekk tipprovdi għat-tneħħija ta' l-iċċekkjar fil-fruntieri bejn il-pajjiżi li jipparteċipaw fiha u l-koperazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward fost l-amministrazzjonijiet tagħhom, fosthom il-pulizija. Għal dan il-għan, is-sistema żviluppat diversi għodda, partikularment is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS), li hija bank ta' informazzjoni kompjuterizzata li fih ikun hemm il-mandati kollha għal tfittxija li jkunu nħarġu mill-Istati Membri li huma parti mis-sistema.

Protokoll mehmuż mat-Trattat ta' Amsterdam jintegra s-sistema Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea u jippermetti b'hekk lill-firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Schengen (li bħalissa jinkludu lill-Istati Membri ta' l-Unjoni, minbarra r-Renju Unit u l-Irlanda, flimkien man-Norveġja u l-Islanda) biex jibdew bejniethom, fi ħdan qafas legali u istituzzjonali ta' l-Unjoni, koperazzjoni fl-oqsma kollha koperti mill-Konvenzjoni.

Wara l-ftehim ta' Amsterdam l-aspetti kollha tal-politika dwar il-kontrolli ta' fruntieri ta' l-Unjoni ma' barra saru parti mis-sistema tal-Komunità. Fost ir-Reoglamenti u d-Direttivi li nħarġu hemm dawk li jarmonizzaw provvedimenti għall-ħruġ (inkluż il-format) ta' visa għad-dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi. Is-segretarjat oriġinali ta' Schengen kien ukoll integrat fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Aspett viżibbli ħafna tas-sistema ta' Schengen hija s-separazzjoni tal-kanali tad-dħul u l-ħruġ fl-ajruporti u l-portijiet kollha, bejn passiġġieri minn pajjiżi li qed jipparteċipaw fis-sistema u passiġġieri minn pajjiżi terzi.

L-Istati Membri ta' l-UE huma soġġetti għal pressjoni ta' immigrazzjoni minn bosta għejjun, li għalihom iridu jwieġbu billi jsibu l-bilanċ bejn konsiderazzjonijiet ekonomiċi u umanitarji f'konformità mal-liġi tal-Komunità u diversi ftehim internazzjonali ewlenin, b'mod partikulari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 dwar l-istat tar-refuġjati.

It-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni u l-idea ta' fruntiera esterna komuni ssaħħaħ ix-xewqa li l-Unjoni tiżviluppa iktar triqat simili u koperazzjoni eqreb fil-qasam tal-politika dwar l-immigrazzjoni. Mill-aħħar tas-snin tmenin kien hemm proċedura għal konsultazzjoni minn qabel dwar politika fuq l-immigrazzjoni. Il-Kunsill adotta diversi riżoluzzjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u ż-żenofobija u waqqaf Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar ir-Razziżmu u ż-Żenofobija (EUMC) fi Vjenna biex jgħin f'dan ir-rigward. Hemm ukoll regolamenti li jarmonizzaw, fost aspetti oħra, il-mezz għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u x-xogħol, u dwar azzjoni organizzata biex jitwettqu miżuri għat-tkeċċija.

Qasam partikularment diffiċli, fid-dawl ta' tradizzjonijiet differenti, imma essenzjali għat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern, huwa dak tad-dritt għal kenn. Il-Konvenzjoni ta' Dublin ta' l-1990 dwar il-Kenn li tagħha huma parti l-Istati Membri kollha ta' l-UE, tikkommetti lill-firmatarji li jeżaminaw it-talbiet kollha għal kenn minn ċittadin ta' pajjiż terz fil-fruntiera jew fuq territorju ta' Stati Membri, u biex jaqsmu informazzjoni personali fuq talbiet bħal dawn. Il-Konvenzjoni ta' Dublin, iżda, ma tarmonizzax il-liġi nazzjonali dwar il-kenn, u għalhekk, ma toħloqx stat ta' refuġjat tal-Komunità.

Madankollu, il-Komunità waqqfet f'Ġunju ta' l-1992, Ċentru għal Informazzjoni, Riċerka u Skambju dwar il-Kenn (CIREA) u li hemm provvedimenti għal garanziji minimi li jridu jkunu ppreżentati mill-proċeduri nazzjonali għall-kenn ħalli jkun assigurat li huma konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati. Fost firxa ta' strumenti li hemm għall-politika ta' l-UE dwar il-kenn hemm l-iskambju ta' informazzjoni rigward assistenza għar-rimpatrijazzjoni volontarja ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, u l-iċċekkjar tat-twettiq mill-Istati Membri ta' miżuri adottati rigward il-kenn.

## Malta bħala Membru tas-Sħubija Globali ta' l-UE

Malta bdiet tipparteċipa b'mod attiv fid-djalogu politiku ma' l-UE fil-qasam tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, fosthom fuq żviluppi fil-Politika għal Sigurtà u Difiża Ewropea. Il-Kummissjoni tqis li l-allinjament ta' Malta mal-provvedimenti għall-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà huwa sodisfaċenti u li twaqqfu l-istrutturi amministrattivi meħtieġa.

Malta allineat ruħha ma' kważi d-dikjarazzjonijiet kollha ta' l-UE u, meta kienet mistiedna li tagħmel hekk, assoċjat ruħha mal-



pożizzjonijiet komuni u azzjonijiet bi sħab ta' l-Unjoni.

Malta regolarment tosserva s-sanzjonijiet internazzjonali u miżuri ristrettivi imposti min-NU u l-UE.

Malta dan l-aħħar irratifikat l-Istatut ta' Ruma li jwaqqaf il-Qorti Kriminali Internazzjonali. Għaddiet leġislazzjoni ġdida li tkopri wkoll miżuri kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Allineat ruħha mal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE f'Settembru 2001 u mad-diversi pożizzjonijiet komuni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Malta saret ukoll parti mill-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti marbuta mat-terroriżmu.

Malta kkonfermat li lesta tikkontribwixxi kemm għal missjonijiet tal-Forza għal Intervent Rapidu ta' l-UE (qawwiet Maltin se jkunu integrati mal-kontinġent Taljan) u kemm għal inizjattivi ċivili ta' l-UE fil-kontroll ta' kriżijiet.

Ta' min ifakkar li deċiżjonijiet ta' l-UE dwar il-politika barranija, is-sigurtà u d-difiża jittieħdu b'unanimità.

Parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' l-UE għal żamma tal-paċi u dawk umanitarji hija f'idejn Malta. Il-parteċipazzjoni hija volontarja anki fil-livell ta' suldati individwali.

Dikjarazzjoni tan-newtralità se tinhemeż mat-Trattat, li tikkonferma li n-newtralità ta' Malta mhijiex affettwata bi sħubija. Din id-dikjarazzjoni tgħid:

"Malta tafferma l-impenn tagħha għall-politika komuni għall-affarijiet barranin u s-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea kif imniżżel fit-Trattat dwar Unjoni Ewropea. Malta tikkonferma li l-parteċipazzjoni tagħha fil-politika komuni ta' l-Unjoni Ewropea għall-affarijiet barranin u s-sigurtà ma tippreġudikax in-newtralità tagħha. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jispeċifika li kull deċiżjoni ta' Unjoni biex timxi lejn difiża komuni trid tittieħed b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew addottata mill-Istati Membri bi qbil mal-pożizzjoni kostituzzjonali rispettivi tagħhom."

L-UE għandha erba' membri oħra li jsegwu politika ta' newtralità.

Bħala membru ta' l-UE Malta se jkollha opportunità akbar li tieħu sehem b'mod aktar attiv fil-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-koperazzjoni fil-Mediterran, speċjalment permezz tas-Sħubija Ewro-Mediterranja ta' l-Unjoni.

Malta aċċettat l-*acquis* ta' l-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni u hemm livell tajjeb ta' konformita' tal-politika barranija mal-politika barranija ta' l-UE.

Bħall-pajjiżi l-oħra li se jissieħbu, Malta diġà hija assoċjatata mal-politika kummerċjali tal-Komunità permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħha, u ssir koperazzjoni mill-qrib f'fora internazzjonali bħalma hija l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Bħala pajjiż membru Malta se taderixxi u se tibbenefika wkoll mill-ftehim kollha konklużi mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha u se tagħmel tagħha l-impenji tal-Komunità f'fora kummerċjali internazzjonali, bħall-WTO.

Il-politika ta' l-UE dwar il-ġustizzja u l-intern, kemm fl-aspetti interni tagħha kif ukoll f'dawk esterni jmissu kwistjonijiet sensittivi ħafna. In-negozjati dwar l-*acquis* tal-ġustizzja u intern ma kienux fuq żmenijiet ta' transizzjoni; ebda pajjiż kandidat u lanqas l-UE ma daħħlu talbiet bħal dawn.

Min-naħa l-oħra, kien meħtieġ li jinstabu modi biex tinbena fiduċja, fost l-Istati

Membri, fil-ħila ta' Malta u tal-pajjiżi kandidati l-oħra, li jwettqu l-obbligi ta' l-Unjoni dwar kwistjonijiet bħalma huwa l-kontroll tal-fruntieri, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata, koperazzjoni bejn il-pulizija u l-qasam ġudizzjarju, ħarsien ta' l-informazzjoni u l-għarfien reċiproku ta' sentenzi tal-Qorti.

Sħubija fl-UE ma twassalx immedjatament għat-tneħħija ta' kontrolli tal-fruntieri bejn l-Istati Membri qodma u dawk ġodda u għad-dħul awtomatiku tal-membri ġodda fiż-żona ta' Schengen. Kif ġara fid-diversi tkabbir preċedenti, dan se jkun soġġett għal deċiżjoni unanima separata tal-Kunsill, xi żmien wara s-sħubija, u wara analiżi bir-reqqa tat-tħejjija legali u prattika ta' l-Istati Membri ġodda.

Għodda prinċipali għal kull pajjiż kandidat biex juri t-tħejjija tiegħu ħalli jissieħeb fiż-żona Schengen huwa l-Pjan ta' Azzjoni għat-Twettiq ta' Schengen. Dan il-pjan jeħtieġ li juri għarfien sħiħ ta' l-implikazzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, u jippreżenta skeda kredibbli għad-dħul tal-provvedimenti tiegħu, ħafna minnhom qabel id-data ta' sħubija. Malta diġà ssottomettiet dan il-pjan u qed tieħu l-passi meħtieġa biex twettqu.





# Kronoloġija tan-negozjati bejn Malta u l-UE

**Presidenza Portugiża ta' l-UE**

| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
|---|---|---|---|
| 25 ta' Mejju 2000 | Livell ta' deputati (kap negozjaturi) (it-tieni laqgħa) | 7 kapitli:<br>Politika Industrijali<br>Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju<br>Xjenza u Riċerka<br>Edukazzjoni u Taħriġ<br>Telekomunikazzjonijiet<br>Relazzjonijiet Esterni<br>Politika Komuni għall-Affarijiet<br>Barranin u s-Sigurtà | Le |
| 14 ta' Ġunju 2000 | Livell ministerjali (it-tieni laqgħa) | Ikkonfermat l-għeluq tas-seba' kapitli ta' hawn fuq. | Le |

**Presidenza Franċiża ta' l-UE**

| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
|---|---|---|---|
| 24 ta' Ottubru 2000 | Livell ta' deputati (it-tielet laqgħa) | 3 kapitli:<br>Statistika<br>Kultura u Qasam Awdjoviżiv<br>Konsumaturi u Ħarsien tas-Saħħa | Le |
| 16 ta' Novembru 2000 | Livell ta' deputati (ir-raba' laqgħa) | 2 kapitli:<br>Liġi tal-Kumpaniji<br>Unjoni Ekonomika u Monetarja | Le |
| 21 ta' Novembru 2000 | Livell ministerjali (it-tielet laqgħa) | Ikkonfermat l-għeluq tal-ħames kapitli ta' hawn fuq. | |

**Presidenza Svediża ta' l-UE**

| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
|---|---|---|---|
| 29 ta' Marzu 2001 | Livell ta' deputati (il-ħames laqgħa) | 1 kapitlu: Kontroll Finanzjarju | Le |
| 01 ta' Ġunju 2001 | Livell ta' deputati (is-sitt laqgħa) | 2 kapitli:<br>Moviment Liberu ta' Prodotti<br>Enerġija<br>1 kapitlu: Moviment Liberu ta' Servizzi | Iva<br><br><br>Le |
| 12 ta' Ġunju 2001 | Livell ministerjali (ir-raba' laqgħa) | Ikkonfermat l-għeluq tat-tliet kapitli ta' hawn fuq. | |
| 27 ta' Ġunju 2001 | Livell ta' deputati (is-seba' laqgħa) | 1 kapitlu: Moviment Liberu ta' Persuni | Iva |

| Presidenza Belġjana ta' l-UE | | | |
|---|---|---|---|
| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
| 26 ta' Ottubru 2001 | Livell ta' deputati (it-tmien laqgħa) | 1 kapitlu: Trasport | Iva |
| 28 ta' Novembru 2001 | Livell ta' deputati (id-disa' laqgħa) | 1 kapitlu: Politika Soċjali u Xogħol | Iva |
| 12 ta' Diċembru 2001 | Livell ministerjali (il-ħames laqgħa) | Ikkonfermat l-għeluq tat-tliet kapitli ta' hawn fuq. | |
| 21 ta' Diċembru 2001 | Livell ta' deputati (l-10 laqgħa) | 1 kapitlu: Moviment Liberu ta' Kapital | Iva |

| Presidenza Spanjola ta' l-UE | | | |
|---|---|---|---|
| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
| 21 ta' Marzu 2002 | Livell ta' deputati (il-11-il laqgħa) | 1 kapitlu: Ġustizzja u Intern | Le |
| 10 ta' Ġunju 2002 | Livell ministerjali (is-sitt laqgħa) | 1 kapitlu: Istituzzjonijiet<br>Ikkonfermat l-għeluq taż-żewġ kapitli ta' hawn fuq. | Iva |
| 28 ta' Ġunju 2002 | Livell ta' deputati (it-13-il laqgħa) | 1 kapitlu: Sajd | Iva |

| Presidenza Daniża ta' l-UE | | | |
|---|---|---|---|
| *Data* | *Laqgħa* | *Kapitli magħluqa* | *Arranġamenti speċjali* |
| 29 ta' Lulju 2002 | Livell ta' deputati (l-14-il laqgħa) | 1 kapitlu: Politika Reġjonali | Le |
| 1 ta' Ottubru 2002 | Livell ministerjali (is-seba' laqgħa) | 1 kapitlu: Ambjent<br>Ikkonfermat l-għeluq taż-żewġ kapitli ta' hawn fuq. | Iva |
| 18 ta' Ottubru 2002 | Livell ta' deputati (il-15-il laqgħa) | 1 kapitlu: Kompetizzjoni | Iva |
| 13 ta' Diċembru 2002 | Kunsill Ewropew fil-livell ta' kapijiet tal-Gvern | 5 kapitli:<br>Biedja<br>Tassazzjoni<br>Unjoni Doganali<br>Provvedimenti Finanzjarji u tal-*Budget*<br>Materji oħra | Iva |



